A.L. 115 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 9 ta' l-1997, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mit-18 ta' Mejju 2000.

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) L-Eżamijiet Finali għandhom isiru fit-tmiem ta' l-Ewwel Parti tal-Kors, normalment f'Ġunju, u għandhom ikunu magħmula minn karta waħda

f'kull wieħed mis-suġġetti studjati, sakemm li, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għal xi karta, kull meta jidhirlu li jkun xieraq, jista' jeħtieġ li xi kandidat jew kandidati joqogħdu għal eżami *viva voce* ukoll.

(3) Kandidat li jeħel f'suġġett wieħed jew aktar għandu jitħalla jagħmel riparatorju f'Settembru fis-suġġett jew suġġetti li jkun weħel fihom."

4. Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu (4) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali:

"(5) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu joħroġ avviż li jsejjaħ lill-istudenti għall-eżami *viva voce* mill-anqas tliet ijiem qabel l-eżami *viva voce*."

Emenda għar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'ebda każ il-kandidat ma jista' jtemm il-kors ta' l-istudji tiegħu fi żmien itwal minn erba' snin, ħlief bil-permess speċjali tas-Senat, għal raġuni tajba u suffiċjenti."